**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum, it-Tlieta, tmintax (18) ta' Marzu 2025

Kawża Nru 5/2024

**Ir-Repubblika ta' Malta**
***(Supretendent Bernard Charles Spiteri)***
***(Dr Kenneth Camilleri)***

Vs

**Charlton Cassar**

## A. Preliminari

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Charlton Cassar**, iben Carmel u Giovanna Antida nee Galea, imwieled Rabat, Għawdex fit-tmienja u għoxrin (28) ta' Ottubru 1984 u residenti "Dar tal-Oleandru", Triq is-Sienja, Munxar, Għawdex detentur tal-karta tal-identita numru 44184(G) talli nhar it-tnejn (2) ta' Ottubru 2023 f'xi ħin bejn is-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19:30hrs) u t-tmienja ta' filgħaxija (20:00hrs) ġewwa Triq il-Puniċi, Xlendi, Munxar, u/jew fi bnadi oħra fil-Gżejjer Maltin:

(1) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioe offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Samuel Kelly, hekk kif iċċertifika Dr James Sammut M.D. Reg. No 4496;[1]

(2) aktar talli fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi, bil-lejl kiser il-mistrieħ tan-nies b'għajjat jew b'mod ieħor;[2]

(3) aktar talli fl-istess ħin, data, lok u ċirkostanzi, b'xi mod ieħor mhux imsemmi band' oħra fil-Kodiċi Kriminali, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.[3]

---

[1] Artikolui 214, 215, 216 u 218 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikolu 338(m) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[3] Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Samuel Kelly u dan ai termini tal-artikolu 382A u 383 et seq tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba illi minn issa tipprovdi għal garanzija ta' Samuel Kelly skont l-artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali datata tlieta (3) ta' Jannar 2025[4] li permezz tagħha huwa bagħat lill-imputat Charlton Cassar biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

(i) Fl-Artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(ii) Fl-Artikoli 338(m) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(iii) Fl-Artikoli 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(iv) Fl-Artikoli 382A u 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(v) Fl-Artikoli 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

[4] Fol. 100 tal-atti proċesswali. Ir-rinviju ġie korrett b'digriet tal-għaxra (10) ta' Jannar 2025 peress li kien hemm żball fl-intestatura tal-Qorti. Ara digriet a fol. 108 u 109 tal-atti proċesswali.

Rat li waqt is-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar 2025 ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fit-tlieta (3) ta' Jannar 2025 u f'dik l-istess seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oġġeżżjoni sabiex il-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja;

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esebiti;

Semgħet ix-xhieda kollha imressqa mill-Prosekuzzjoni;

Rat ix-xhieda u d-dokumenti miġbura fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Samuel Kelly*** (Każ Numru 172/2024), liema xhieda u dokumenti għandhom jgħoddu wkoll għal din il-kawża;[5]

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar 2025 fejn il-kawża tħalliet illum għas-sentenza;

[5] Ara verbal tas-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Jannar 2025, fol. 110 tal-proċess.

Ikkunsidrat;

Fil-qosor il-fatti tal-każ huma s-segwenti:

Nhar it-tnejn (2) ta' Ottubru 2023, għall-ħabta tat-tmienja neqsin kwart ta' filgħaxija (19:45hrs), il-Pulizija ġew imsejħa sabiex immorru fi Triq il-Puniċi, Xlendi, limiti tal-Munxar, Għawdex peress li Melissa Tabone kienet ċemplet l-Għassa u infurmat lill-Pulizija li kien hemm persuna ta' karnaġġjon skur li kien se jħebb għaliha u għal persuni oħra.

Hekk kif il-Pulizija waslu fuq il-post, huma sabu lill-imputat – il-partner ta' Melissa Tabone – fejn dan infurmahom li hu u l-partner tiegħu Melissa Tabone kien għad kemm kellhom argument ma' persuna ta' karnaġġjon skur li kien qiegħed joqgħod fl-appartament tagħhom u li dan ir-raġel kien ħarab minn fuq il-post. L-imputat u Melissa Tabone ingħataw struzzjonijiet mill-Pulizija biex imorru l-Isptar sabiex jiġu eżaminati medikament u wara jmorru l-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex biex jagħmlu rapport formali dwar l-akkadut.

Fil-frattemp ħarġet ambulanza mix-Xlendi. Hekk kif l-infermier li kien hemm fl-ambulanza lemaħ lill-Pulizija, huwa infurmahom li fl-ambulanza kien hemm persuna li kien qed jallega li kien għadu kemm ġie aggredit u li kienu sejrin jeħduh l-Isptar. Minn verifiki li għamlu l-Pulizija dak il-ħin irriżulta li l-persuna fl-ambulanza kien l-istess persuna li kien għad kemm kellu l-

argument mal-koppja Cassar / Tabone. Il-persuna fl-ambulanza eventwalment ġie identifikat li kien jismu Samuel Kelly.

Mill-investigazzjonijiet preliminari li għamlu l-Pulizija irriżulta li kien inqala' argument bejn il-koppja Cassar / Tabone min-naħa u Kelly min-naħa l-oħra. Dan tal-aħħar kien qed jikri appartament mingħand il-koppja Cassar / Tabone. L-argument beda fil-partijiet komuni tal-blokka appartamenti bl-isem "Avalon", Triq il-Puniċi, Xlendi, limiti tal-Munxar. Dan imbagħad sar vjolenti u kompla fit-triq. Waqt l-istess argument allegatament intużaw biċċa injama u ħadida, liema injama u ħadida ġew elevati mill-Pulizija.

Kelly ġie ċertifikat li per konsegwenza tal-istess allegat inċident huwa kien soffra feriti ta' natura gravi fuq il-persuna tiegħu. Dan peress li t-tabib li rah l-emerġenza iċċertifika li dan kellu ksur fi spalltu. Kemm l-imputat kif wkoll l-partner tiegħu Melissa Tabone wkoll ġew ċertifikati li soffrew feriti. Dawn pero kienu feriti ta' natura ħafifa. Tabone min-naħa tagħha iffirmat *waiver* fejn iddikjarat li hija ma riditx li jittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront ta' Kelly.

## B. <u>Kunsiderazzjonijiet dwar l-Imputazzjonijiet</u>

Ikkunsidrat;

### I. <u>Ir-Reat taħt l-Artikoli 214, 215, 216 u 218 tal-Kap. 9 (L-Ewwel Imputazzjoni)</u>

Kif din il-Qorti diversament preseduta irriteniet fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Ahmed Mohammed Abdulkadir***[6]:

> *"għas-sejbien ta' ħtija fl-imputat għar-reati li dwarhom ikun ġie mixli fiċ-Ċitazzjoni, jeħtieg li l-Prosekuzzjoni tipprova rabta ossia **a link of causation fil-każ ta' kull reat addebitat, bejn l-imputat u l-event kriminuż: ness li jrid jikkonvinċi lill-Qorti sal-grad taċ-ċertezza morali illi kien proprju l-imputat u ħadd iktar, li seta' wettaq dan l-att kriminuż. Din iċ-ċertezza trid tkun imnissla mir-riżultanzi ta' stħarriġ sħiħ u bir-reqqa tal-evidenza kollha miġjuba, tal-provi ammissibbli kollha** li jkunu tressqu quddiemha u s-sottomissjonijiet, li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk." (Enfażi tal-Qorti).*

Applikati dawn il-prinċipji – u dan b'riferenza għal din l-ewwel imputazzjoni – dak li l-Qorti trid tistħarreġ huwa jekk hemmx din ir-rabta tal-imputat mal-event kriminuż li seħħ. Fi kliem sempliċi, il-Qorti hija mitluba li teżamina jekk abbażi tal-provi prodotti jistax jitqies li l-imputat huwa responsabbli

[6] Deċiża fis-sittax (16) ta' Diċembru 2024 – Każ Numru 27/2023/.

għall-ġrieħi li ġew sofferti mill-parte civile riżultat tal-kolluttazzjoni li allegatament kien hemm bejn l-istess imputat u l-parte civile.

Wara li eżaminat l-atti proċesswali, din il-Qorti tirrileva s-segwenti:

(a) il-parte civile li kien ix-xhud prinċipali ta' dan il-każ għażel li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri biex ma jinkriminax lilu inniffsu.[7] Għalhekk il-Qorti spiċċat f'sitwazzjoni fejn hija m'għandhiex il-verżjoni tal-akkadut da parti tal-allegata vittma;

(b) Melissa Tabone li kienet preżenti x'ħin seħħ il-każ u li kienet hi li ċemplet lill-Pulizija għall-għajnuna għażlet li ma tixhidx in vista tal-fatt li hija qiegħda f'relazzjoni mal-imputat. Għalhekk il-Qorti lanqas għandha l-verżjoni ta' din ix-xhud okulari.

(c) L-uffiċjali tal-Pulizija, is-Supretendent Bernard Charles Spiteri u PS 364 David Borg Grima xehdu biss dwar il-kontenut tar-rapport li sar lilhom jew inkella tal-istqarrijiet li ittieħdu minnhom. Għalhekk ix-xhieda tagħhom hija biss *detto del detto*. Apparti minn hekk għalkemm ingħad li l-Pulizija elevaw injama twila u frame tal-ħadid, dawn baqgħu qatt ma ġew preżentati fl-atti ta' dawn il-proċeduri. Lanqas biss ritratti tal-istess ma ġew esebiti;

[7] Fol. 43 tal-proċess.

(d) PC 413 Adrian Debrincat, PC 53 Stefan Spiteri u PC 68 Jeffrey Zammit għalkemm marru fuq il-post fejn seħħ l-allegat inċident iddikjaraw li x'ħin waslu huma fuq il-post, ma kien hemm l-ebda ġlied għaddej u li l-inċident kien spiċċa. Għalhekk ma setgħu jitfgħu l-ebda dawl fuq dak li kien seħħ. Lanqas ma jidher li dak il-ħin saret xi investigazzjoni biex jiġi stabbilit jekk kienx hemm xi cameras tas-sigurta fl-akkwati li setgħu qabdu l-inċident jew inkella kellmu lil xi persuna jew persuni oħra li setgħu raw l-inċident iseħħ.

Għalhekk hemm karenza assoluta ta' provi li jorbtu lill-imputat mal-aggressjoni subita mill-parte civile u l-ġrieħi sofferti mill-istess parte civile.

Huwa minnu li fis-seduta tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Ottubru 2024 l-Ispettur Keith Xerri esebixxa filmat li juri ġlieda, li allegatament hija l-ġlieda mertu ta' dawn il-proċeduri. Pero din il-Qorti lanqas ma tista' tasal biex tikkonkludi li dan il-filmat huwa prova b'saħħitha u suffiċjenti li torbot lill-imputat mal-akkadut. Dan qiegħed jingħad għas-segwenti raġunijiet:

(a) għalkemm dan il-filmat wasal għand is-Supretendent Bernard Charles Spiteri, ma kienx l-istess Supretendent li ippreżenta dan il-filmat u ikkonfermah bil-ġurament. Il-filmat ġie preżentat minn Uffiċjal tal-Pulizija ieħor li mill-atti ma jidhirx li kien involut b'xi mod fl-investigazzjoni ta' dan il-każ;

(b) fl-istess filmat m'hemm l-ebda indikazzjoni tad-data u l-ħin meta ittieħed l-istess filmat u għalhekk il-Qorti m'għandhiex konferma dwar jekk dan il-

filmat hux qiegħed jirreferi għall-istess inċident mertu ta' dawn il-proċeduri. Jidher wkoll li lanqas ma saret riferenza għall-filmat waqt li l-imputat kien qiegħed jagħti l-istqarrija tiegħu lill-Pulizija. Ma jirriżultax li l-imputat ġie muri dan il-filmat u ikkummenta fuqu. Kieku sar hekk il-Qorti forsi kien ikollha konferma li l-filmat jirreferi għall-inċident *de quo*;

(c) għalkemm jinstemgħu xi ilħna ta' min qiegħed jieħu dan il-filmat, dan il-persuna jew persuni baqgħu qatt ma ġew identifikati bil-konsegwenza li dawn il-persuni ma xehdux f'dawn il-proċeduri biex jikkonfermaw l-istess filmat. L-unika informazzjoni dwar is-sors tal-filmat jagħtiha biss PC 1136 Nathan Joseph Cini.[8] Cini jistqarr li s-Supretendent Spiteri kien għaddielu *link* ta' filmat li ittella' fuq Facebook minn Lovin' Malta u hu sempliċiment għamel download tal-filmat mil-link u tefgħu fuq CD. Il-Qorti tifhem li sit ġurnalistiku huwa obbligat li jipproteġi s-sorsi li jagħtuh l-informazzjoni u kien forsi għalhekk li l-Prosekuzzjoni għażlet li ma tinġunġix lil rappreżentant ta' Lovin' Malta sabiex jixhed f'dawn il-proċeduri. Madanakollu l-Qorti tqis li ma kien se jkun hemm l-ebda kxif ta' sorsi li kieku rappreżentant ta' Lovin' Malta ġie mitlub jixhed limitatament sabiex jikkonferma l-awtentiċita tal-filmat li ġie mgħoddi lill-istess sit u jagħti d-dettalji dwar meta dan il-filmat ġie mgħoddi lill-istess sit;

(d) il-fatt li ma ttellax rappreżentant ta' Lovin' Malta joħloq problema oħra rigward l-ammissibilita ta' dan l-istess filmat bħala prova. Il-Qorti lanqas

[8] Fol. 96 u 97 tal-proċess.

m'għandha s-serħan tal-moħħ dwar jekk il-filmat li ittella' minn Lovin' Malta kienx l-intier tal-filmat li intbagħat lilha jew jekk inkella dan ġiex editajt b'xi mod qabel ma ittella mill-istess Lovin' Malta fuq is-sit tagħha. Dan kollu seta' jiġi iċċarat bix-xhieda ta' rappreżentant ta' Lovin' Malta;

(e) il-filmat juri l-bidu tal-inċident u imbagħad għal xi raġuni min kien qed jiġbed il-filmat ma jibqax jiffoka fuq il-persuni jiġġieldu. Il-filmat imbagħad jkompli juri l-aħħar parti tal-ġlieda. Il-Qorti tqis li l-parti tal-ġlieda li ma tidhirx fil-filmat hija fundamentali dwar kif żviluppa l-inċident, aktar u aktar meta f'dan il-każ la l-parte civile u lanqas l-imputat ma taw ix-xhieda tagħhom. Dan qiegħed jingħad għall-fatt li fl-ewwel parti tal-inċident l-injama tidher f'idejn il-persuna ta' karnaġġjon skur. Wara "l-blackout" fl-andament tal-ġlieda li hemm fil-filmat, l-injama tidher li spiċċat f'idejn ir-raġel ta' żaqqu barra. Din il-Qorti ma tistax tassumi kif *u come* l-injama spiċċat f'idejn ir-raġel ta' żaqqu barra jew inkella tipprova tispekula dak li seta' seħħ. Dan ried jirriżulta mill-provi iżda kif ġia rilevat ħadd mix-xhieda okulari tal-inċident ma xehed f'dawn il-proċeduri. Dan għal raġunijiet diversi kif ġia spjegat;

(f) peress li l-partijiet ħadd minnhom ma' xehed, ħadd minnhom ma ikkonferma dak li jidher fl-istess filmat. Li kieku xehed il-parte civile, forsi seta' kien hemm prova li l-filmat qed jirreferi għal dawn il-proċeduri u b'hekk seta' tal-anqas kien hemm prova li jorbot il-filmat mal-akkadut. Pero kif ġia senjalat, il-parte civile ma xehedx f'dawn il-proċeduri biex ma jinkriminax lilu inniffsu.

Dan kollu ma jagħtix lill-Qorti s-serenita li hija neċessarja fi proċeduri penali sabiex hija tattribwixxi ħtija lill-imputat għall-akkadut sempliċiment u esklussivament fuq dak li jidher mill-filmat esebit. Tenut kont wkoll li kif ġia ingħad, fl-atti m'hemm l-ebda element ieħor ta' prova li jorbot lill-imputat ma' dak li seħħ, il-Qorti ma tistax tasal sabiex tikkonkludi li l-imputat ikkaġuna ġrieħi fuq il-persuna tal-parte civile. Fiċ-ċirkustanzi għalhekk ikun inutili li l-Qorti tgħaddi sabiex tevalwa jekk il-ġrieħi sofferti mill-parte civile jikklassifikawx bħala ġrieħi gravi jew le fit-termini tal-liġi.

Il-Qorti hija għalhekk kostretta li tillibera lill-imputat minn din l-ewwel imputazzjoni.

## II. <u>Ir-Reati taħt l-Artikoli 338(m) u 338(d) tal-Kap. 9.</u>

Ir-reati kontemplati f'dawn iż-żewġ artikoli ikkwotati mill-Avukat Ġenerali huma reati kontravvenzjonali. Dan ifisser li l-akkużat kellu jiġi notifikat bl-akkużi qabel ma jgħaddi t-terminu ta' tlett (3) xhur mid-data tal-allegat reat.

Mill-atti proċesswali jirriżulta li sat-tmienja (8) ta' Marzu 2024 l-akkużat kien għadu ma ġiex notifikat b'dawn il-proċeduri. Infatti għall-ewwel żewġ seduti l-imputat ma kienx deher propju għaliex kien għadu mhux notifikat. L-allegat każ seħħ fit-tnejn (2) ta' Ottubru 2023 u għalhekk l-imputat kellu jiġi notifikat sat-tnejn (2) ta' Jannar 2024. Dan ma seħħx u l-imputat ġie notifikat biss wara t-tmienja (8) ta' Marzu 2024. Huwa minnu li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma ġietx sollevata mid-difiża. Imma la darba din tirriżulta

mill-atti, il-Qorti ma tistax tinjoraha u hija obbligata li *ex officio* tissolleva u tapplika tali eċċezzjoni hija stess. Dan in vista ta' dak li jistipula l-artikolu 694 tal-Kap. 9. Għalhekk il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tiddikjara l-proċediment estint fir-rigward tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet stante li l-azzjoni kriminali hija preskritta.

In vista wkoll li l-Qorti mhux sejra issib ħtija fl-imputat, hija mhux sejra tapplika l-artikolu 533 tal-Kap. 9.

## C. Decide

Għaldaqstant għal dawn il-motivi, il-Qorti:

(i) **qiegħda tiddikjara l-proċediment estint fir-rigward tat-tieni (2) u tat-tielet (3) imputazzjoni stante li l-azzjoni kriminali fir-rigward ta' dawn l-akkużi hija preskritta;**

(ii) **mhux qiegħda issib lill-imputat Charlton Cassar ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u qiegħda tilliberah minnha**.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur